MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 31/K6/2011 |
| Data: | L-Erbgha, 24 ta' Awissu 2011 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Matthew Agius |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar il-Hamis, 18 ta' Awissu 2011. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 30/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Servizz ta' Gbir ta' Skart.
6. Xoghlijiet fuq toroq u gonna.
7. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
9. Affarijiet o]ra jekk urgenti.
10. Aggornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

**Seduta Nru 31/K6/2011**

**Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 30/K6/2011**

1224. Is-Sindku ressaq il-minuti ghall-approvazjoni. Kien hemm is-segwenti korrezjonijiet:

1225. Dwar minuta 1194, is-Sindku qal li sentenza f'din il-minuta, f'pagna 3, ghanda tigi taqra "Is-Sindku qal li kien tkellem ma raprezentant ta' CA Refuse Collection fl-ufficju tieghu wara l-aggudikazzjoni. Hu kien qed jahar ghall-ewwel darba ghax ma kienx l-istess persuna li giet ghal ftuh tat-tender u qalli li jekk ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Kunsill, ghandu jkellem avukat."

Is-Sindku qal ukoll illi sentenza ohra f'din l-istess minuta, din id-darba f'pagna 4, ghanda tigi taqra "Is-Sindku qal li din il-persuna kienet ix-xatt waqt il-Gostra, u setghu gew ikelmuhom hemm; ikellmu lill-kunsilliera hemm meta konna flimkien."

M Baldacchino ukoll ressqet korrezjoni f'din il-minuta, f'pagna 4, sabiex is-sentenza tigi taqra "E Brincat qal li wara dan Köyü, issa huwa ukoll qed jibza, specjalment ghal familia tieghu, peress li din il-persuna tghix warajh. M Baldacchino qalet li mhux sew li inghad dan id-diskors ghax hi dejjem imxiet ma dak li qal il-Kumitat Offerti Publici u qatt ma kien hemm dan it-tip ta' diskors u konkluzjonijiet bejn il-Kunsilliera."

Is-Sindka ressaq korrezjoni ohra, f'pagna 5, biex sentenza minnhom tigi taqra "Is-Segretarju qal li hija stramba kif l-ewwel dan it-tenderer ma kienx jaf il-ghala ma giex mghazul, u l-ghada wara li ltaqa mas-Sindku gewwa l-bini tal-Kunsill, mar il-Bank of Valletta jitlob il-*Bank Reference* gdida."

1226. Dwar minuta 1198, M Agius qal li ghanda tizdied sentenza fl-ahhar tal-minuta li tghid "M Agius qal li l-Kunsill ghandu jibia jinsisti sabiex ssir kampanja educativa u jekk hemm bzonn anke jitqassmu boroz ghas-spejjez tal-Kunsill."

1227. Dwar minuta 1201(a), C Selvaggi u Dott. Grima ressqu korrezjonijiet sabiex il-minuta tigi taqra "B'referenza ghal minuta 1163, Dott. Grima li l-bankina tlestiet, izda l-kuntrattur nehha l-*planters*. Dott. Grima qal li dawn ghandhom jergghu isiru. C Selvaggi qali li kien hemm ilmenti fuq l-istat tat-triq u ssugerixxa li tintbghat ittra lir-residenti u nghamlu pressjoni fuq il-kuntrattur sabiex Klestil dan ix-xoghol. Is-Sindku qal li jistghu isiru l-*planters,* basta mhux fil-kantunieri, biex tinzamm is-sigurta ghal min ikun ser jaqsam it-triq. Is-SIndku qal ukoll li l-*planters*ma ghandhomx isiru b'tali mod li jahbtu l-bibien tal-karozzi maghhom. E Brincat u Dott. Groma qablu li jiltaqghu fuq il-post u jiftehmu x'ghandu jsir."

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1228. Dwar minuta 1206(a), is-Sindku qal li ghanda tizdied sentenza fl-ahhar tat-tielet paragrafu li tghid "Ghedtlu li kelli appuntament u li ma stajtx inhassru daqsekk *short notice*."

1229. Dwar minuta 1217, M Baldacchino qalet li ghandu jizdied il-kliem "u l-Kunsill qabel" fl-ahhar tal-minuta.

1230. Dwar minuta 1222, Dott. Grima qal li l-minuta ghanda taqra "Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 24 ta' Awissu 2011."

1231. E Brincat hareg mill-laqgha. Hin: 18.29

1232. Is-Sindku ressaq il-minuti ghall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti gew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**Punt 2 Materji mill-Minuti**

1233. Dwar minuta 1195, C Selvaggi saqsa jekk saritx il-laqgha mal-Ispettur tal-Pulizija. Is-Sindku wiegeb fin-negattiv, avolja huwa fakkar lill-Ispettur li kellha issir din il-laqgha. C Selvaggi qal li dak kollhu li huwa reaporta lill-Pulizija, qatt ma sar xejn minnu.

1234. Dwar minuta 1196, M Agius saqsa sarx progress dwar il-*Bye-Laws*. Is-Segretarju qal li l-avukata tad-Dipartiment ghal-Gvern Lokali bghatet *Bye-Law* ta' Kunsill iehor, u biex il-*wording* tal-*Bye Law* taghna issir bhala.

1235. Dwar minuta 1197, qal li xi Kunsilliera ma attendewx ghall-laqgha. Fil-laqgha intqal li l-Ministru ghanda progetti ghal l-iskola Mater Dei, u jekk dawn mhux ser isiru, l-iskoal ser tinghata lura lid-Dipartiment tal-Artijiet. Jekk dan ser ikun qed isir, il-Ministru ser tkun qed tinforma lill-Kunsill.

M Baldacchino qalet li hemm ukoll xi pjanijiet mill-Ministeru ghall-iskola tal-ESN.

M Agius qal li kien is-SIndku biss, min fost il-Kunsilliera, li qas biss bghat biex jghid li mhux ser jattendi ghall-laqgha. Is-Sindku qal li bghat e-mail.

1236. Dwar minuta 1198, Dott. Grima qal li huwa favur ir-riciklagg, u peress li l-boroz baqghu ma inghatawx mill-Green MT, mela il-Kunsill ghandu jixtri tali boroz.

Dwar dan il-punt, is-Segretarju qal li dan l-ahhar xhur dahlu hafna ilmenti dwar ir-rimi ta skart illegali madwar il-*Bring in Sites* ta' quddiem il-gibjun u ta' Triq Victor Denaro. Is-Segretarju issugerixxa li dawn jistghu jitnehhew, issa li l-Kunsill qed jigbor l-iskart riciklat darbtejn fil-gimgha min quddiem id-dar tar-residenti. Il-Kunsill ma qabilx, u qabel izda li jsir infurzar fuq dawn l-illegalitajiet. C Selvaggi qal lis-Sindku li hija



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

kompetenza tieghu l-infurzar tal-ligi fil-lokal, u sabiex jghafas biex isir infurzar dwar ir-rimi ta' skart illegali Fedn dawn il-*Bring in Sites* u fil-lokalita.

1237. Dwar korrispondenza 1199, is-Segretarju qal li waslet l-approvazjoni ta' Transport Malta biex tinbidel id-direzjoni tat-traffiku fi Triq San Lwigi u C De Brockdorff. Il-Kunsill qabel li dan it-tibdil isir.

1238. Dwar minuta 1201(a), Dott. Grima qal li huwa ltaqa' ma E Brincat u li gie miftihem kif l-*planters* ghandhom isiru. Is-Sindku kompla u qal li Saret laqgha fl-1 ta' Awissu fejn gie miftihem iz-zmien li fih it-triq Principessa Margerita ghanda tkun lesta. Is-Segretarju spjega.

C Selvaggi hawn saqsa x'qieghed ikun ir-rwol tal-Perit u jekk hux qed jghin? C Selvaggi qal li hemm hafna tgergir mir-residenti dwar id-dewmien fix-xoghlijiet u fuq it-trabijiet u hmieg li hemm prezentament fit-triq peress li ghadu ma inghatax it-tarmac. C Selvaggi qal li ghandhom jittiehdu passi biex dan id-detriment fuq ir-residenti jispicca.

Is-Segretarju qal li skond il-kuntratt, il-Kunsill jista jiehu passi skond Artikolu 14. Il-Kunsill qabel.

C Selvaggi qal li l-ittra li tintbghat lir-residenti, ghanda tintbghat lill-Kunsilliera qabel. Il-Kunsill qabel.

1239. Dwar minuta 1202, E Abela saqsa intbghatitx l-ittra lill-Kappillan. Is-Segretarju wiegeb fil-pozittiv.

1240. Dwar minuta 1211, is-SIndku qal li kelmu l-Inginjier St. John mil-Korporazjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u li ha jibdew xi trattament fuq l-ilma tal-Ghajn tal-Hassellin, sabiex dan jitnaddaf.

1241. Dwar minuta 1220, M Baldacchino qalet li Saret laqgha dwar is-sigurta fil-*playingfields* u li l-*contracts manager* ghamel rapport dwar certu tiswijiet li ghandhom isiru.

1242. Dwar minuta 1221, is-Sindku qal li qed jiprezenta l-ittra Illia huwa bghat lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali. Is-SIndku qara' l-ittra. M Agius qal li dakinhar stess is-Sindku kien ghadu kif propona lilu u lill-M Baldacchino biex isir xi zfin. M Agius qal li qed ikun hawn hafna kumbinazjonijiet. Il-Kunsilliera qablu li jinghataw kopja ta' din it-twegiba tas-Sindku.

**Punt 3 Korrispondenza**

1243. Is-Segretarju prezenta korrispondenza mis-Sgt. Norman Xuereb, fejn gie indikat li ser jittiehdu passi fuq l-irregolaritajiet fil-parkegg fejn il-garaxx tal-Marokk. Is-Sgt. Qieghed ukoll jindika lill-Kunsill biex titnehha rampa li Saret illegalment fi Triq Censu

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Farrugia. Il-Kunsill qabel, filwaqt li ressaq biex is-Sgt Xuereb jigi irringrazzjat formalment u li l-Kummisarju jigi infurmat b'dan. Il-Kunsill qabel li tintalab l-assistenza tal-Pulizija fil-qlugh tar-rampa fi Triq Censu Farrugia.

1244. 1669 – Is-Sindku qara' l-ittra.

1245. 1064 u 1159 – Is-Sindku qal li waslu l-approvazjonijiet sabiex il-Kunsill imexxi fuq proposta ta' timed parking ghar-residenti fl-Imsida.

1246. Is-Sindku qara' ittra mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv dwar talba ghal study leave. Il-Kunsill approva. Il-Kunsill approva li is-Sin. Rachel Aquilina isservi bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv f'dan iz-zmien.

**Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar**

1247. Ic-*Chairperson* qalet li infethu it-tenders ghal progett fil-bandli tas-Swatar, u li l-offerti gew ferm ghola min dak mistenni, u ghola ukoll mill-*budget* tal-Kumitat. Ghaldaqstant, bhala pass preliminari, l-Kumitat ser ikun qed jibghat lit-*tenderers* jekk humiex lesti irahsu l-offerti taghhom.

1248. Is-Sindku talab ghal sospensjoni tal-agenda. Il-Kunsill qabel.

**Punt 7 Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet**

1249. Is-Sindku ressaq l-iskeda 28/K6/2011 ghall-approvazjoni.

1250. Il-Kunsill ma approvax pagament numru 63 temporanjament.

1251. Il-lista tal-pagamenti giet approvata u iffirmata.

**Punt 10 Aggornament**

1252. Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss issir nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2011, fil-5.30pm.

**Punt 9 Affarijiet ohra jekk urgenti**

1253. M Baldacchino ressqet sabiex isir kors dwar kif isir is-sapun. Il-Kunsill qabel.

1254. M Agius qal li t-tabella tal-iskall inqalat u sabiex isir tindif madwar il-*bring in Sites* ta' Triq VIctor Denaro.

1255. Dott. Grima ressaq biex isir *dustbin* fejn l-iskola primarja u fakkar li l-bankina ta' Triq it-Torri baqghet ma saritx.

1256. Il-laqgha ntemmet. Hin: 20.30



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Approvati llum ______________________________________________

| | |
|---|---|
| Dott. Clifton Grima<br>Sindku | Matthew Dimech<br>Segretarju Ezekuttiv |

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com